

# Il-Qoton

minn Philip Balzan

**● Ix-xitla tal-qoton tikber fir-reġjuni tropikali u sub-tropikali tad-dinja. Il-ħajt tal-qoton ilu jiġi magħmul, maħluġ, jintiseġ u jingħata l-kulur sa minn żmien pre-istoriku. In-nies tal-Indja, l-Eġittu u ċ-Ċina kienu jilbsu ħwejjeġ tal-qoton mijiet ta' snin qabel Kristu u wara l-użu tal-qoton infirex madwar il-Mediterran[1].**

Il-kultivazzjoni tiegħu titlob ħafna xemx, ammont moderat ta' xita, u ħamrija mhux wisq sinjura fin-nutrijenti li iżda jkollha t-tira. Jinżera fir-rebbiegħa u t-tajjar jinġabar fil-ħarifa. Minbarra l-varjetà bajda hemm oħrajn ikkuluriti[2].

L-eqdem użu tal-qoton aktarx kien 7000 sena ilu fil-Mehrgarh fil-Pakistan[3] fejn instab ħajt tal-qoton ippresevat ġo żibeġ tar-ram. Jidher li minn hemm infirex lejn l-Indja[4] fejn l-użu tiegħu żdied sewwa sas-sena 1000 qabel Kristu (QK). Anke fil-Messiku[5] f'għar ħdejn Tehuacàn nstab drapp tal-qoton li hu maħsub li sar aktar minn 5000 sena QK. Il-Griegi u l-Arab aktarx saru jafu bil-qoton fi żmien Alessandru l-Kbir.

Fil-Persia (illum l-Iran) l-użu tal-qoton imur lura sal-ħames seklu qabel Kristu. Fiċ-Ċina kien jitkabbar fi żmien id-Dinastija Han[6] minn nies mhux Ċiniżi fin-nofs inhar tal-pajjiż, fil-provinċja Yunnan.



Fil-Peru l-kultivazzjoni tal-qoton kienet is-sinsla tal-iżvilupp tal-kulturi Norte Chico, Moche u Nazca. U meta l-Ispanjoli marru l-Messiku fil-ħmistax-il sekli sabu li n-nies kienu jkabbru l-qoton u jilbsu ħwejjeġ magħmulin minnu.

Fi żmien il-medju evu fl-Ewropa kienu jiġu importati drappijiet tal-qoton imma kien hemm injoranza kbira dwaru. Kienu jemmnu li l-qoton kien jikber fuq is-siġar [7](u mhux fuq xitel). Minħabba li jixbaħ is-suf, in-nies kienu jaħsbu li l-qoton jikber fuq nagħaġ li jkunu fuq siġar. John Mandeville, fl-1350 kiteb bħala 'fatt' li fl-Indja hemm siġar li fuqhom jikbru ħrief fit-truf tal-friegħi. Dawn il-friegħi kienu robot biżżejjed li jitgħawġu biex jippermettu lil dawn il-ħrief li jieklu l-ħaxix mill-art meta jaqbadhom il-ġuħ!

L-importanza tal-industija tal-qoton kibret ħafna meta ġew ivvintati magni li jaħdmuh u b'hekk ġew iffrankati l-parti l-kbira tas-sigħat tax-xogħol meħtieġa biex jinħadem id-drapp mit-tajjar tal-qoton u allura roħos ukoll il-prezz. Fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax l-industrija Ingliża tal-ħdim tal-qoton tant kibret li l-Indja ma setgħetx tlaħħaq mad-domanda tagħha. Aktar minn hekk, fl-Amerika beda jitkabbar qoton ta' kwalità aħjar li ma damx wisq ma ħa s-suq minn idejn l-Indja. Meta f'nofs is-seklu dsatax faqqgħet il-gwerra ċivili fl-Amerika,

l-esportazzjoni tal-qoton minn dan il-kontinent waqfet u l-Ingilterra u Franza bdew jixtru mill-Eġittu fejn saru investimenti kbar fil-kultivazzjoni tal-qoton. Meta fl-1865 il-gwerra ċivili fl-Amerika ntemmet is-suq Eġizzjan ġie abbandunat għax il-qoton Amerikan kien irħas u aħjar. Dan kellu effett tant qawwi li l-Eġittu falla fl-1876, fattur ewlieni li wassal għall-ħakma tal-Eġittu mill-Ingilterra fl-1882. Fl-istess waqt il-bejgħ tal-qoton għen mhux ftit l-iżvilupp tal-Amerika. Daqshekk kienet importanti l-industrija tal-qoton.


*Ġbir tal-qoton fl-Armenia (1930)*

Minbarra d-drappijiet, mill-qoton isiru wkoll xbieki għas-sajd, filtri, tined, tip ta' karta, manki tal-ilma u saħansitra jintuża fil-manifattura tal-isplussivi. Miż-żerriegħa tiegħu jsir żejt tajjeb għal mal-ikel u dik li tibqa' żejda tingħata lill-annimali li ***ruminate***. Iz-zokk tax-xitla kien jitnixxef u jintuża fil-fran minflok injam.

Fil-present l-akbar produtturi tal-qoton huma ċ-Ċina, l-Indja, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Pakistan, il-Brażil, l-Afrika, l-Uzbekistan, it-Turkija, l-Greċja u s-Sirja. F'din l-industija jaħdmu bosta nies, imma sfortunatament il-kundizzjonijiet tal-impjiegu f'xi wħud minn dawn il-pajjiżi għadhom ħżiena u anke illegali.

## L-Industija tal-Qoton f'Malta

Il-kultivazzjoni tal-qoton spiċċat għalkollox mill-gżejjer Maltin fi żminijietna iżda fl-imgħoddi, għal mijiet ta' snin, ipprovdiet l-għejxien għal eluf kbar ta' Maltin. Fuq ix-xogħol kienu impjegati mhux biss ħafna rġiel u żgħażagħ bdiewa, iżda wkoll bosta nisa u xbejbiet fi djarhom[8].

Probabilment kienu l-Feniċi li daħħlu l-kultivazzjoni tal-qoton f'Malta. Ċiċerun, is-senatur u oratur famuż Ruman, kien akkuża lil Caius Verres li seraq kwantitajiet kbar ta' drapp magħmul minn qoton, mit-tempju ta' Ġuno fuq l-għolja ta' Tas-Silg. Tant kienet kbira l-esportazzjoni tal-qoton minn Malta fis-seklu ħmistax, li mid-dħul finanzjarju kienu jħallsu l-ispejjeż tat-tiswija tas-swar tal-lmdina u saru bosta benefikati fil-knejjes Maltin.

Hekk per eżempju, meta fis-sena 1736 kienu qed jinbnew in-navi tal-knisja ta' Santa Katerin taż-Żejtun il-parti kbira tal-ispejjeż tħallsu mill-qoton miġbur mill-prokuraturi tal-knisja. Aktar tard insibu li f'temp ta' ftit xhur, qabel l-1798, il-prokuratur tal-knisja taż-Żejtun, daħħal aktar minn 300 skud mill-ġbir u l-bejgħ tal-qoton, somma li kienet tiżboq sewwa l-ġabra li saret mar-raħal kollu għall-festa ta' Santa Katarina.[9] Id-dħul mill-qoton kien il-kaġun li fl-1860 f'Ħaż-Żebbuġ ġie deċiż li l-istatwa ta' San Filep li kienu se jordnaw issir tal-fidda minflok tal-injam jew tal-kartapesta minkejja li dan kien ifisser nefqa elf darba ikbar[10].

Qabel il-miġja tal-kavallieri l-parti l-kbira tan-nies kienu jaqilgħu ħobżhom mir-raba'. Il-wiċċ prinċipali tal-biedja Maltija kien il-qoton. Dan konna nesportawh barra u bil-flus li konna ndaħħlu minnu kienu jixtru l-qamħ minn Sqallija. Nies oħra kienu jaqilgħu ħobżhom mis-sibi[11].

It-tkabbir u l-esportazzjoni tal-qoton kienet industrija importanti fi żmien il-Kavallieri. Il-bidwi Malti fi żmien il-Kavallieri kien ikabbar ħafna qoton li kellu suq tajjeb għalih u tiegħu kien iġib prezz tajjeb. L-ewwel daqqa ta' ħarta lis-suq tal-qoton waslet matul l-Imblokk tal-Franċiżi. Il-pesta tal-1813 kompliet ħarbtet lill-industrija tal-qoton Malti. Wara l-1830 il-kummerċ fil-qoton Malti beda jonqos ġmielu minħabba kompetizzjoni minn

qoton irħas mill-Eġittu u mill-Istati Uniti. Dan ikkaġuna problemi għall-bidwi Malti. Sa l-1900 l-industrija tal-qoton li fl-1800 kienet tħaddem mal-15,000 kienet kważi spiċċat għal kollox. Il-biedja baqgħet tagħti l-kontribut tagħha matul il-ħakma Ingliża. Il-bidwi Malti baqa' jkabbar u jesporta l-qoton. Iżda billi l-Egittu beda jkabbar ukoll il-qoton, u jbiegħu bi prezz irħas mill-qoton Malti dan beda jitlef bil-mod il-mod is-swieq tiegħu.

L-istruttura ekonomika nbidlet matul il-Ħakma Ngliża. Mat-tluq tal-Kavallieri spiċċa d-dħul mill-propjetà tal-Ordni u spiċċa wkoll is-sibi. lssa kellek struttura ekonomija bbażata fuq il-biedja, attività kbira fil-port u n-nefqa fuq l-armata u l-flotta.

Din it-tabella turi kif naqset l-esportazzjoni tal-qoton minn Malta:

- fis-sena 1790 (Kavallieri): £500,000
- fis-sena 1825 (Ingliżi): £79,444
- fis-sena 1835 (Ingliżi): £54,697

Kien jidher ċar li l-industrija tal-qoton kienet sejra lura. Iktar tard, fi żmien il-ħakma Ingliża, il-Maltin bdew ikabbru x-xitla tal-patata.

## L-ekonomija ta' Malta matul il-Ħakma Ingliża (1860-1960)

L-ewwel snin ta' żmien l-ingliżi f'Malta l-ħajja ekonomika u politika tal-gżira ma tantx kienu tajbin. L-inħawi rurali kienu jiddependu ħafna mit-tkabbir tal-qoton, industrija li kienet reġgħet irpiljat[12]. Però l-prezzijiet tal-qotton fi swieq barranin kienu qed jagħmlu l-prezz tal-qoton Malti anqas kompetittiv.

Ghalhekk dawk li jkabbru l-qoton bdew jużaw inqas art għall-qoton u minflok bdew ikabbru iktar qamħ. Fl-1813, il-pesta kompliet tagħmel il-ħajja iktar diffiċli. Fil-fatt id-dħul naqas u n-nies qegħda żdiedu. Qamħ magħmul Malta wkoll kellu jikkompeti ma' qamħ magħmul barra minn Malta. Għalhekk il-prezzijiet kellhom jitbaxxew. Għalkemm dawn l-affarijiet kollha juru li l-ħajja kienet diffiċli ħafna sal-1830 kien hemm qrib 26,000 persuna jaħdmu fil-qasam tal-agrikultura. Però s-snin ta' wara (1850) kien naqra aħjar.

Atttvità kbira fil-Port il-Kbir seħħet bejn 1806 u 1813. Ġara li Napuljun Bonaparte, il-mexxej ta' Franza, fi sforz biex jeqred il-kummerċ lngliż ordna li ħadd fuq il-kontinent tal-Ewropa li kien iddominat minnu ma jixtri prodotti Ingliżi. B'riżultat ta' dan, in-negozjanti Ingliżi li tkeċċew mill-kontinent ġew hawn Malta u komplew il-*business* tagħhom minn hawnhekk, b'riżultat li Malta saret ċentru minn fejn il-merkanzija Ingliża bdiet tidħol bil-moħbi fuq il-kontinent. Kien żmien tad-deheb għall-Maltin u kemm għall-barranin deħlin u ħerġin bil-merkanzija. lżda din kienet prosperità artifiċjali li kienet ser tintemm kif tispiċċa l-gwerra, kif fil-fatt ġara. Fil-fatt malli l-qawwa ta' Napuljun bdiet tmajna u l-kontinent reġa' nfetaħ għall-kummerċ Ingliż, in-negozjanti bdew sejrin u l-kummerċ beda jonqos. Ġara mbagħad li fis-sena ta' wara, 1813, tfaċċat il-pesta, li qatlet il-kummerċ kollu li kien fadal. B'riżultat t'hekk beda żmien ta' ġuħ u faqar kbir li kaxkar sal-1842.


*Tajjar tal-qoton lest biex jinġabar*

Il-biedja baqgħet tagħti l-kontnibut siewi tagħha fl-ekonomija Maltija. Il-bidwi Malti baqa' jkabbar il-qoton u gawda ħafna bejn l-1861 u 1-1865 għax minħabba

l-gwerra ċivili fl-Amerka, il-bidwi Malti beda jġib prezz tajjeb għall-qoton li beda jinxtara mill-Ingilterra. lżda kif spiċċat din il-gwerna l-qoton reġa' beda jmajna. Għaldaqstant il-bidwi Malti meta ra hekk qaleb għall-kultivazzjoni tal-patata u beda jġib prezz tajjeb mill-esportazzjoni tagħha.

## Il-qoton

Il-Maltin kienu jipproduċu l-qoton biex minnu jsir id-drapp. Għall-għata ta' ġisimhom missirijietna kienu jilbsu drappijiet ta' Malta magħmula mill-qoton.[13] Bosta kienu jinqalghu l-għixien tagħhom mill-qoton. Dan il-kummerċ spiċċa mal-wasla tal-Franċiżi[14].

"Il-qoton kien prodott importanti għall-bdiewa tagħna u kien jiġi esportat fi kwantità kemm fi żmien il-Kavallieri kif ukoll fi żmien l-Ingliżi. Ironikament għadna qed inżommu post għall-qoton fil-wirja u sa fejn nafu aħna, bidwi wieħed għadu jtella' l-qoton tiegħu għall-wirja Agrarja tal-Imnarja."[15]



*Il-ħrief jikbru fuq ix-xitla tal-qoton!*

## Il-kelma qoton fl-idjoma Maltija

Il-kelma "qoton" daħlet sewwa fl-idjoma Maltija. Insemmu l-kantilena li tgħid "**Fiddien ja fiddien, dak qamħek il-kejjiel, dak qotnok il-wiżżien.**" U f'bosta proverbi Maltin fosthom " Qotna tal-moħriet aħjar minn għaxra tal-bejtiet." U l-espressjoni "**abjad qotna**". Ix-xitla tal-qoton tidher fl-arma tal-granmastru Cotoner. U f'Birżebbuġa jinsab "**Wied il-Qoton.**"[16]

**Referenzi**

1 Skont *Columbia Encyclopedia*
2 Dianne K. Dickerson, Eric F. Lane and Dolores F. Rodriguez, Naturally Colored Cotton: Resistance to Changes in Color and Durability When Refurbished. With Selected Laundry Aids. California Agricultural Technology Institute (October 1999)
3 Moulherat, C., M. Tengberg, J.F. Haquet and B. Mille (2002). "First evidence of cotton at Neolithic Mehrgarh, Pakistan: Analysis of mineralized fibres from a copper bead". *Journal of Archaeological Science* 29 (12): 1393–1401. doi:10.1006/jasc.2001.0779.
4 Stein, Burton (1998). *A History of India*. Blackwell Publishing. ISBN 0-631-20546-2, p. 47
5 Huckell, Lisa W. (1993). "Plant Remains from the Pinaleño Cotton Cache, Arizona". *Kiva, the Journal of Southwest Anthropology and History* **59** (2): 147–203. JSTOR 30246122
6 Robyn J. Maxwell (2003). *Textiles of Southeast Asia: tradition, trade and transformation* (revised ed.). Tuttle Publishing. p. 410. ISBN 0-7946-0104-9. Retrieved 15 May 2011.
7 Dan għax Herodotus kien kiteb fil-ktieb tiegħu *Histories*, it-III Ktieb, 106, illi fl-Indjakienu jikbru fils-selvaġġ siġar li jipproduċu s-suf.
8 Dun Joe Abela, "Id-Dħul mill-Qoton fl-istorja tal-Knisja taż-Żejtun" ippubblikazzjoni fir-rivista tal-Ghaqda tan-Nar 25 ta' Novembru Festa Sta. Katarina V.M. • 2O12, paġna 47-50.
9 Ibid.
10 Statva Argentea ....
11 http://schoolnet.gov.mt/history/wirt/Nglizi/Ekonomija/EkonomijaKavSal-Lum.htm; **http://schoolnet.gov.mt/history/wirt/Nglizi/Ekonomija/EkonomijaNgliziNOTI.htm**
12 http://history_mosta.webs.com/history2.htm
13 Dun Joe Abela, "Id-Dħul mill-Qoton fl-istorja tal-Knisja taż-Żejtun" ippubblikazzjoni fir-rivista tal-Ghaqda tan-Nar 25 ta' Novembru Festa Sta. Katarina V.M. • 2O12, paġna 47 -50.
14 http://kavallieri.blogspot.com/2007/05/l-irvell-kontra-l-francizi-u-l-wasla-ta.html
15 Joseph Borg, uffiċjal tad-Dipartiment tal-Agrikultura kkwotat fuq is-sit elettroniku imsemmi fin-nota preċedenti.
16 http://wirtizzejtunartikli.files.wordpress.com/2012/06/qoton_nar-2012.pdf